domna, u f'tebqa ta' għajn intebhet b'kollox. F'telqa ta' mħabba qawwija, ġriet fuq Rosie, ħaddnitha ma' qalbha u għajtet:

"Binti, binti, sibtek fl-aħħar".

Rosie fehmet kollox, u mħaddna kif kienet m'ommha qalet kelma waħda biss:

"Mà!"

Il-għada li waslu Malta, Rosie kienet fuq il-qabar ta' Lou. Kienet tħoss qalbha ħafifa issa. Kif temmet it-talba tagħha, ħarġet minn ħobbha maktur, fetħitu, qiegħdet f'qiegħ idha dak li kien hemm fih, u ferrxitu fuq l-irħama li kienet tgħatti l-fdal tal-maħbub tagħha.

Kienu ftit werqat ta' warda midbiela.

---

## F'MEWT MISSIERI

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Xita bla ħniena għal erbgħin jum kien ilha
  Issawwat l-art bla qalb; u l-wied li nġabar
Kaxkar il-ħażen tagħha b'id qalila
  Biex tilqa' lilek safja ġewwa l-qabar.

Xħin tgħammdet l-art, ix-xemx, fl-isbaħ titwila,
  Ċarrtet is-sħab: il-jum tat-tluq inħabar.
Ruħek imxennqa tniehdet f'karba twila
  U telqet żewġ demgħat—ta' ferħ u sabar.

Missier mill kbar, safi fil-ħsieb, f'egħmilek,
  Ċanfira għall-ħajja mħassra li qed taqa',
Hadd fis-sempliċità ma jixbah lilek!

Jien nibqa' nfaħħrek mhux għax demmek demmi,
  Iżd'għax kont raġel fost il-ftit li baqa'
U nħoss li s-Sewwa m'għandux igħib bla msemmi.



# Malapropismi fl Ilsien Malti

*Ta'* ALBERT M. CASSOLA

MIN fil-professjoni tiegħu jkollu x'jaqsam ma' ċerta klassi tal-poplu ma jistax ma jinnotax kif xi drabi l-bidwi, is-sajjied, is-suldat, il-kamrier, ir-raġel tas-sengħa, igħawweġ għadd ta' kliem li l-biċċa l-kbira jkun ta' nisel barrani.

Hekk l-avukati u t-tobba mal-klijenti tagħhom, il-kappillani mal-parruċċani, l-impjegati li jħabbtu wiċċhom ma' sezzjoni ta' nies neqsin mill-koltura u, iktar u iktar, mill-iskola.

Niftakar mill-esperjenza tiegħi bħala Assistent Almunier fid-Dipartiment tas-Saħħa l-intervisti li kont nagħti lil ħafna li kienu jidħlu l-isptar u li kienu jkellmuni fuq l-istat finanzjarju tagħhom.

M'għandniex xi ngħidu, intervista lil persuna li jeħtiġilha tidħol l-isptar jew li għadha kif ħarġet minnu ma fiha l-ebda gost. L-iktar meta dik l-istess persuna tkun tinsab fi stat ħażin mhux biss minn saħħitha imma wkoll mill-flus. Kienu jkunu każi, neħħi xi ħadd li jaħseb li se jbellagħlek ir-ross bil-labra, li aktarx iqanqlulek qalbek u xi drabi jqabbżulek id-dmugħ.

Imma fl-istess ħin kultant kont issib min iġigħelek titbissem f'qalbek bil-mod li jfisser ruħu u bil-maniera li juża kliemu.

M'iniex ngħid għali-injoranza tar-regoli tas-sintassi, jew għan-nuqqas tar-regoli grammatikali; qiegħed nalludi għall-mod li jesprimu ruħhom; mod li jekk ma tkunx imdorri bih għax għamiltha magħhom, għall-ewwel mhux dejjem tifhmu malajr.

Apparti l-fatt ta' pronunzja raħlija f'ċerti każi, tiltaqa' ma' wħud li, ibda biex, ix-xhur jafuhom aħjar bil-festa ewlenija li tiġi fihom milli b'isimhom veru. Bħalma, ngħidu aħna, ix-xahar tal-Vitorja, ix-xahar tal-Milied, ta' Santa Marija u hekk. Imma dan nittama li għad ikolli ż-żmien nikteb fuqu fit-tul li jistħoqqlu.

Hekk ukoll, u anki hawn nispera li għad jirnexxili nigbor-hom, il-frażijiet u l-espressjonijiet li jużaw igħidu.

Did-darba bi ħsiebni nsemmi numru ta' kliem li l-lingwaġġ popolari għamilhom tiegħu billi ħa l-kelma t-tajba u, bla ma jaf, ħażżinha; għalhekk il-popolin juża kliem li ma ssibux f'ħalq min għandu koltura. Kliem imqalleb, imdawwar, imfarrak. U dan minħabba dawk il-fenomeni lingwistiċi li, wara kollox, issibhom ukoll fil-provinċji tal-pajjiżi kollha. Studjajna meta konna l-iskola kemm jinsabu impuritajiet fil-lingwa. Kemm hemm, fi kwa-